IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 05**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar Il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014 fil-5.00 pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |

** **Wara argument li inqala' fil-bidu tal-laqgħa, is-Sur Anġlu Portelli talab li jiġi skużat fil-5.15 ta' filgħaxija.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B04**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B04 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B04

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B04** — Punti li joħorġu mill-Minuti B04

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri preżenti li dan it-*tender* ma jistax joħroġ qabel mal-Kumitat jissottometti l-lista tat-toroq li jridu jitniżżlu f'dan id-dokument. — Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix

2.02 2.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li dawn il-bozoz kienu għandhom ma nxtegħlux. Ġie deċiż li l-amministrazzjoni tivverifika f'liema stadju waslet l- — Installazzjoni ta' erba' bozoz ġodda


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

applikazzjoni tal-installazzjoni.

2.03 2.06 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li s-*shade* tal-bozza twaħħlet.

Installazzjoni ta' *shade* ma' bozza mad-dar *Beyond Paradise*, Triq il-Lewz

2.04 2.07 Is-Sna Marthese Cortis ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat il-fatt illi saret laqgħa mal-Onor Ian Borg u hija ma kinitx infurmata.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li hi fl-ebda mument ma kienet infurmata li kienet ġiet iffissata din il-laqgħa. Hija qalet li saret taf b'din il-laqgħa wara li saret u li l-arranġamenti kienu saru b'mod informali mas-Sindku u ma' wieħed mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

Laqgħa mal-Onor. Ian Borg dwar il-proġett tad-drenaġġ

2.05 2.08 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kwotazzjoni li tagħna l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart ġiet tammonta għal €45.00. Il-Kumitat qabel unanimamnet li dan l-iskart għandu jitneħħa.

Skart mormi f'Ras ir-Raheb

2.06 2.09 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol tlesta.

Qtugħ ta' ħaxix fl-Imtaħleb

2.07 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perit għadu ma m'għamilx *on-site visit* peress illi kien imsiefer.

Is-Sna Marthese Cortis saħqet li l-Kumitat għandu jitlob lill-perit dwar jekk dan il-ħajt hux konformi mar-regolamenti tal-Mepa, jekk hux mibni skont is-sengħa u kemm hemm bżonn konkos biex jiġi msaħħaħ.

Il-Kumitat qabel li ċ-Ċerpersin għandu jmur mal-perit meta ssir l-*on-site visit*.

Ħajt fl-Imtaħleb

2.08 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgha li l-*contracts manager* tal-Kunsill kien avża lill-kuntrattur bil-miktub sabiex jaqta' l-ħaxix ta' fuq u ta' taħt il-bankini qabel il-festa ta' San Martin. Kif ukoll sabiex l-għada tal-festa, it-toroq jinkinsu l-ewwel xogħol filgħodu.

Qtugħ ta' ħaxix ta' mal-bankini u tindif

2.09 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-servizz tal-pulizija sabiex joqgħod għassa mal-*playingfield* jinsab ordnat. Hija infurmathom ukoll li l-*mobile toilets* jinsabu ordnati u dawn ser jitpoġġew fejn il-knisja l-ġdida.

Servizz ta' pulizija

2.10 3.08 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet sewwiet din il-ħsara, però d-dawl reġa' mar wara l-maltemp li għamel dan l-aħħar. Huwa saħaq li d-dawl qiegħed jinqata' peress illi s-siġar qed jolqtu l-wajers tad-dawl kull meta jkun ħafna riħ. Il-Kumitat iddeċieda illi jerġa' jsir rapport lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jerġgħu jsewwu l-ħsara.

Dawl maqtugħ fit-Triq tal-Fiddien

2.11 3.09 Il-Kumitat informa l-laqgħa li din il-mera twahhlet f'post ħażin. Ġie deċiż illi din il-mera tinqala' u titwaħħal fejn kienet oriġinarjament.

Serq ta' mera mill-*main road* tal-Baħrija

## 3.00 Kommunikazzjoni mill-membri

'l ġewwa mis-SATU

3.01 Iċ-Ċerpersin ippropona illi jinqata' l-ħaxix ħażin mill-Imtaħleb ~~ħdejn Miġra Ferħa~~. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix l-Imtaħleb

3.02 Iċ-Ċerpersin ippropona li jsir xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos fuq trejqa pubblika li tintuża mill-bdiewa ġewwa tas-Sirena. Huwa saħaq illi hemm bżonn tmien jardi konkos biex tiġi rranġata l-ħsara. Issekondat din il-proposta s-Sna Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. — Xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos fi trejqa f'tas-Sirena

3.03 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li saritlu talba minn resident sabiex jarma waqt il-fiera. Wara diskussjoni illi saret, il-Kumitat iddeċieda li ma jinħariġlux permess peress li l-Kumitat diġà kellu talbiet ġodda oħra iżda din is-sena ma nħarġux permessi ġodda. — Talba għal permess waqt il-festa ta' San Martin

**4.00 Korrispondenza**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Onor. Stefan Buontempo kien qiegħed jiltaqa' mal-Kumitat Amministrattivi u li l-laqgħa mal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija hija skedata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014 fl-4.30 pm ġewwa l-Belt Valletta. Il-membri preżenti infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv illi kienu ser jattendu għal din il-laqgħa. — Laqgħa mal-Onor. Stefan Buontempo

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li rċevejna talba għal *no objection* mill-*Scout Group* tal-Baħrija sabiex itellgħu *raffle* u *hampers* waqt il-fiera. — Talba għal no objection mill-*Scout Group* tal-Baħrija

Peress illi l-fiera ta' San Martin tiġi organizzata mill-Knisja, il-Kumitat Amministrattiv ma jistax jieħu tali deċiżjoni. Għaldaqstant ġie deċiż illi ninfurmaw lill-*Scout Group Leader* sabiex jitlob in-*no objection* lill-Knisja.

4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kap tal-iskola tal-Baħrija ġibdet għall-attenzjoni tal-KA li kien hemm tabella tat-traffiku mal-iskola li kienet qiegħda tperper bir-riħ u li kienet fil-periklu illi taqa'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din it-tabella kienet giet rranġatha. — Tindif u qtugħ ta' ħaxix fi Triq l-Iskola

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kap tal-iskola reġgħet kitbet lill-KA fejn irringrazzjatu tal-azzjoni immedjata li ħa u talbet ukoll sabiex titnaddaf iż-żona ta' taħt din it-tabella mill-ħaxix ħażin u mill-iskart.

Iċ-Ċerpersin ippropona li jsir it-tindif meħtieġ. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq issottometta applikazzjonijiet sabiex iwettaq xogħol ta' asfaltar fuq numru ta' toroq fil-Baħrija, fosthom Triq ta' Namura, Il-Blata tal-Melħ (Tas-Sirena/Ras ir-Raheb), u Wied Rini. — Xogħol infrastrutturali mid-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq

Hija kompliet billi infurmat il-laqgħa li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma applikat sabiex isir *main* tad-drenaġġ fi Triq tal-Marġa, Triq il-Ġnien tan-Nigra u Triq is-Sajf ta' San Martin. — *Main* tad-drenaġġ

4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-membri rapport li sar lill-pulizija minn individwu mill-Baħrija. Huwa qieghed jallega illi għadda individwu bil-*haymack* minn Triq il-Ġnien tan-Nigra u għamel ħsara fuq il-wiċċ tat-triq. Hija qalet li l-pulizija qed titlobna sabiex nieħdu passi dwar dan il-każ. Il-Kumitat — Rapport lill-pulizija dwar ħsara mwettqa' fuq il-wiċċ tat-triq tal-Ġnien tan-Nigra

Amministrattiv iddeċieda li l-passi kontra min għamel din il-ħsara għandhom jittieħdu mill-pulizija u mhux mill-Kumitat Amministrattiv.

4.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1705/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ skema għall-Kunsilli Lokali u għall-Kumitati Amministrattivi dwar inizjattivi ta' attivitajiet għas-sena 2014-2015. Il-Kumitat iddeċieda li ma jieħux sehem f'din l-iskema.

Memo 27/2014 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2014 - 2015

4.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1628/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*Malta Tourism Authority* ġibditilna l-attenzjoni li fil-*junction* ta' bejn il-Baħrija u l-Kunċizzjoni hemm ħafna skart mormi fit-tarf tal-għelieqi kollha li jwassluk sal-Baħrija. Il-Kumitat iddeċieda li ċ-Ċerpersin jidentifika min huma s-sidien ta' dawn l-għelieqi, sabiex nitolbuhom inaddfuhom.

Bżonn ta' tindif tal-għelieqi li mill-junction ta' bejn il-Kunċizzjoni u l-Baħrija jwassluk sal-Baħrija

4.08 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1641/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*Valletta 2018 Foundation*, l-entità responsabbli mill-implimentazzjoni tat-titlu tal-Belt Valletta bħala l-kapitali ewropea tal-kultura 2018, qed jinvolvu lil lokalitajiet oħra wkoll, mhux lill-Belt Valletta biss. Hija kompliet billi infurmat il-laqgħa li l-Baħrija ġiet magħżula sabiex tagħmel parti minn wieħed mill-proġetti li qed isiru f'dan ir-rigward, liema proġett jismu *Windrose Project*. Il-koordinattriċi tal-V18 qed titlob li ssir laqgħa mal-Kumitat Amministrattiv sabiex jiġi diskuss dan il-proġett. Il-Kumitat iddeċieda li l-laqgħa għandha ssir jew il-Ħamis 13 ta' Novembru, jew it-Tnejn 17 ta' Novembru jew il-Ħamis 20 ta' Novembru fl-4.30 p.m.

Talba għal-laqgħa dwar *Windrose Project*

**5.00 Materiji Oħra**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li fl-aħħar seduta tal-Kunsill saret talba minn Kunsillier sabiex isir *patching* fi Triq Bieb ir-Ruwa ħdejn il-White House. Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li dan ix-xogħol għandu jsir. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

Xogħol ta' patching f'Bieb ir-Ruwa, ħdejn il-White House

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014

Paul Grech

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**